

Brussell, 16 ta' Frar 2022
(OR. en)

6005/22
ADD 1

FIN 122
PE-L 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020 – <i>Adozzjoni</i>

ANNEX 1:	Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni.....	2
ANNEX 2:	Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR)	6
ANNEX 3:	Impriża Konġunta Clean Sky 2	9
ANNEX 4:	Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2.....	12
ANNEX 5:	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2	15
ANNEX 6:	Impriża Konġunta dwar il-Komponenti u s-Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL).....	19
ANNEX 7:	Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika	22
ANNEX 8:	Impriża Konġunta Shift2Rail	25
ANNEX 9:	Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew	28

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur
tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni
għas-sena finanzjarja 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tagħha u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tal-Anness għaliha,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni adottat mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fit-2 ta' Diċembru 2015,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

KUMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA EWROPEA GħALL-ITER U L-IŻVILUPP TAL-
ENERĠIJA MILL-FUŻJONI

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjoni tal-Qorti li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020 jiżvelaw l-istima tagħha tal-ispiża totali għat-tlestija tal-obbligi ta' twettiq tagħha għall-proġett ITER iżda li għad hemm riskju li bidliet fis-suppożizzjonijiet ewlenin għall-istima u l-esponiment għar-riskju jistgħu jwasslu għal żidiet sinifikanti fl-ispejjeż u/jew għal aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett ITER.

Il-Kunsill jinnota s-sejbiet tal-Qorti ta' diversi nuqqasijiet tal-applikazzjoni tal-IT tal-Impriża Konġunta fil-ġestjoni tal-impenji u l-kuntratti legali (DACC) u għall-ġestjoni tad-dokumenti (IDM). Dawn in-nuqqasijiet jinkludu, fost l-oħrajn, aspetti legali relatati mal-implimentazzjoni tal-qafas tad-delegazzjonijiet tal-Impriża Konġunta u l-użu ta' firem elettroniċi avvanzati, aspetti tekniċi inkluż l-istabbiliment ta' drittijiet ta' aċċess għall-utenti u l-użu ta' kontijiet virtwali tal-grupp, u aspetti ta' kontroll intern relatati mal-konformità sħiħa tas-sistemi lokali tal-IT mad-delegazzjonijiet tad-drittijiet ta' awtorizzazzjoni u mal-korrettezza tad-data kontabilistika u finanzjarja. Il-Kunsill jappella lill-Impriża Konġunta biex tiżgura l-allinjament xieraq tad-delegazzjonijiet tad-drittijiet ta' awtorizzazzjoni fis-sistemi tal-IT lokali tagħha mas-sistema ċentrali ta' informazzjoni finanzjarja (ABAC) tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill jappella wkoll lill-Impriża Konġunta biex ittejjeb it-trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha, tallinja bis-siġħ il-metodu ta' kalkolu għall-kontribuzzjonijiet tas-sħubija annwali mad-dispożizzjonijiet rispettivi tar-Regolament Finanzjarju tagħha, u tissinkronizza kwalunkwe titjib ulterjuri tal-portal tal-e-Akkwist tagħha mas-soluzzjoni tal-e-Akkwist tal-Kummissjoni.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv

tal-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku

Ewropew (SESAR)

fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit

tal-Impriża Konġunta SESAR

għas-sena finanzjarja 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4b tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fil-25 ta' Ġunju 2015,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta SESAR, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

KUMMENT LI JAKKUMPANJA
R-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA GħAR-RIĊERKA DWAR IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU
BL-AJRU TAL-AJRU UNIKU EWROPEW (SESAR)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jinnota s-sejba tal-Qorti li l-Impriża Konġunta la daħħlet il-fondi tal-FNE riċevuti bħala dħul assenjat fil-baġit tagħha tal-2020 permezz ta' baġit emendatorju, u lanqas ma kkunsidrathom fl-ippjanar tal-ħtiġijiet attwali għal-linja baġitarja kkonċernata. Dan imbagħad wassal għal sottoimplimentazzjoni sinifikanti tal-linja baġitarja. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Impriża Konġunta, il-Kunsill jappella lill-Impriża Konġunta biex ittejjeb l-ippjanar u l-ġestjoni tal-baġit tagħha għad-dħul assenjat biex tiġi evitata tali sottoimplimentazzjoni.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv

tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2

fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit

tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2

għas-sena finanzjarja 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fid-19 ta' April 2016,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77.

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

KUMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA CLEAN SKY 2

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjoni tal-Qorti li l-Impriża Konġunta ma segwietx bis-sħiħ ir-regoli finanzjarji dwar l-ordni ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet baġitarji disponibbli u jappella lill-Impriża Konġunta biex ittejjeb l-ippjanar u l-ġestjoni baġitarji tagħha f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jappella wkoll lill-Impriża Konġunta biex toqgħod lura milli tevita l-objettiv stabbli dwar il-persunal billi tuża persunal interim fuq ix-xogħol, li min-natura tiegħu huwa permanenti, u jistieden lill-Impriża Konġunta biex issib mezzi oħra, bħall-prijoritizzazzjoni jew ir-riorganizzazzjoni, biex timla kwalunkwe fteigħa ta' persunal supplimentari.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fit-22 ta' Diċembru 2015,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54.

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

KUMMENT LI JAKKUMPANJA
R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA TAL-INIZJATTIVA TAL-MEDIĊINI INNOVATTIVI 2

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-prattika tal-Impriża Konġunta li tattiva mill-ġdid approprjazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati minn snin preċedenti sal-livell ta' impenji amministrattivi miftuħa, irriżultat f'akkumulazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati u rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit amministrattiv tal-Impriża Konġunta (madwar 3 % tal-baġit totali). Filwaqt li jinnota l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ispejjeż amministrattivi ppjanati, il-Kunsill jaqbel mal-opinjoni tal-Qorti u jistieden lill-Impriża Konġunta biex terġa' tattiva għall-baġit amministrattiv, l-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati tas-snin preċedenti biss sal-punt fejn l-approprjazzjonijiet ta' pagament amministrattivi tas-sena ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-obbligi ta' pagament amministrattiv tas-sena.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv

tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2

fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-

Idroġenu 2

għas-sena finanzjarja 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fl-20 ta' Mejju 2016,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108.

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

KUMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA TAĊ-ĊELLOLI TAL-FJUWIL U L-IDROĠENU 2

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-prattika tal-Impriża Konġunta li tattiva mill-ġdid approprjazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati minn snin preċedenti sal-livell ta' impenji amministrattivi miftuħa, irriżultat f'akkumulazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati u rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit amministrattiv tal-Impriża Konġunta (madwar 3 % tal-baġit totali). Filwaqt li jinnota l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ispejjeż amministrattivi ppjanati, il-Kunsill jaqbel mal-opinjoni tal-Qorti u jistieden lill-Impriża Konġunta biex terġa' tattiva għall-baġit amministrattiv, l-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati tas-snin preċedenti biss sal-punt fejn l-appropriazzjonijiet ta' pagament amministrattivi tas-sena ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-obbligi ta' pagament amministrattiv tas-sena.

Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-osservazzjoni tal-Qorti li minħabba nuqqasijiet fl-użu ta' proċedura ta' akkwist miftuħa għal kuntratt qafas f'sitwazzjoni ta' vantaġġ ta' għarfien, l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità ma setax jintwera. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex ittejjeb il-proċeduri ta' akkwist tagħha f'sitwazzjoni ta' vantaġġ ta' għarfien biex tiżgura l-aħjar proporzjon possibbli bejn il-prezz u l-kwalità u biex tikkonfermah permezz ta' dokumentazzjoni xierqa.

Il-Kunsill jappella lill-Impriża Konġunta biex toqgħod lura milli tuża persunal interim b'inkarigi kostanti u b'hekk toħloq karigi simili għal dawk permanenti, flimkien ma' dawk previsti fil-pjan ta' stabbiliment tal-persunal. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex issib mezzi oħra, bħall-prijoritizzazzjoni jew ir-riorganizzazzjoni, biex timla kwalunkwe ħtieġa ta' persunal supplimentari.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv

**tal-Impriża Konġunta dwar il-Komponenti u s-Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea
(ECSEL)**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ECSEL
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta ECSEL adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fl-10 ta' Ottubru 2016,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta ECSEL, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 169, 7.6.2014, p.152.

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA
R-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA DWAR IL-KOMPONENTI U S-SISTEMI ELETTRONIĊI
GĦAL TMEXXIJA EWROPEA (ECSEL)**

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jinnota n-nuqqas ta' ċarezza u kompletezza fir-rappurtar finanzjarju tagħha dwar il-kontribuzzjonijiet tas-sħab l-oħra għall-proġetti tal-FP7 li l-Impriża Konġunta ħadet f'idejha għall-implimentazzjoni mill-Impriżi Konġunti li ppreċedewha (ARTEMIS u ENIAC), u jappella lill-Impriża Konġunta biex tirrettifikah fil-futur.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fit-23 ta' Diċembru 2015,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130.

² ĠU C 380, 11.11.2020, p. 6.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

KUMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA DWAR L-INDUSTRIJI B'BAŻI BIJOLOĠIKA

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jinnota bi tħassib li fi tmiem l-2020 il-kontribuzzjonijiet in natura tal-membri tal-industrija għall-attivitajiet addizzjonali ta' Orizzont 2020 kisbu biss 53 % tal-mira minima stabbilita. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Impriża Konġunta, il-Kunsill jappella għal sforzi kontinwi biex tintlaħaq il-mira stabbilita għall-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-industrija għal attivitajiet addizzjonali.

Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta biex tiżgura l-aktar kopertura sħiħa tal-erba' suġġetti strateġiċi ta' dimostrazzjoni, f'konformità mal-aġenda ta' riċerka tagħha fil-pjan ta' ħidma.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta Shift2Rail
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta Shift2Rail
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Shift2Rail adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fil-11 ta' Diċembru 2015,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta Shift2Rail, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9.

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA
R-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA SHIFT2RAIL**

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jinnota bi tħassib li l-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta ma jirrispettax ir-regoli tiegħu dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess applikabbli għall-korpi tal-Impriża Konġunta. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Impriża Konġunta, il-Kunsill jappella għall-pubblikazzjoni tas-CVs aġġornati u d-dikjarazzjonijiet dwar il-kunflitt ta' interess tal-membri privati kollha fuq is-sit web tal-Impriża Konġunta malajr kemm jista' jkun.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew
għas-sena finanzjarja 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew adottati mill-Bord tat-Tmexxija tagħha fl-20 ta' Frar 2020,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

¹ ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3.

² ĠU C 458, 12.11.2021, p. 20.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-Rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

KUMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA GħALL-COMPUTING TA' PRESTAZZJONI GħOLJA
EWROPEW

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-livelli baxxi ta' implimentazzjoni tal-pagamenti kemm għall-pagamenti amministrattivi kif ukoll għal dawk operattivi u jhegġegħ lill-Impriża Konġunta biex iżżid l-implimentazzjoni tal-pagamenti tagħha.

Il-Kunsill jinnota, fir-rigward tal-kontrolli interni tal-Impriża Konġunta, li, fi tmiem l-2020, l-Impriża Konġunta kienet għadha trid tlesti diversi azzjonijiet rigward il-prinċipji ta' kontroll relatati mal-valutazzjoni tar-riskju, u l-attivitajiet ta' kontroll u monitoraġġ. Il-Kunsill għalhekk jappella lill-Impriża Konġunta biex tlesti dawk l-azzjonijiet malajr kemm jista' jkun.

Bl-istess mod, fi tmiem l-2020, l-Impriża Konġunta la kienet żviluppat proċeduri affidabbli għall-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' kontribuzzjonijiet in natura ddikjarati mill-membri privati u mill-Istati Parteċipanti tagħha, u lanqas ma kienet stabbiliet proċedura kontabilistika xierqa għar-rikonoxximent ta' dawn il-kontribuzzjonijiet in natura. Għalhekk, il-Kunsill jappella lill-Impriża Konġunta biex tindirizza din is-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun, sabiex tippermetti l-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-kisba tal-livell minimu ta' kontribuzzjonijiet in natura li għandhom isiru mill-membri privati u l-Istati Parteċipanti tagħha.